MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 282/2008

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Reckitt & Colman (Overseas) Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalita` Ingliza registrata fir-registru tal-kumpaniji ta' Ingilterra u Wales bin-numru ta' registrazzjoni 00593047.**

**vs.**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-2 ta' Mejju 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Sarl Razik Com Import / Export, ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Algerija.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Reckitt & Colman (Overseas) Limited, kumpanija estera ta' nazzjonalita' Ingliza registrata fir-registru tal-kumpaniji ta' Ingilterra u Wales bin-numru ta' registrazzjoni 00593047, b'indirizz registrat ta' 103-105 Bath Road, Slough, Berkshire SL1 3UH, fir-Renju Unit, datata 24 ta' Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta' attrici Reckitt & Colman (Overseas) Limited, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' krema depilatorja (*hair removal cream*), hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess;

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) il-markji "veet" (numru 004166997) u "VEET" (numru 002436871), u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti ta' krema depilatorja (*hair removal cream*);

Illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati f'Malta t-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni 9909 – "VEET" u 12777 – "VEET", u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti ta' krema depilatorja (*hair removal cream*);

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" u tinsab registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-

disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (**Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta**) u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 2(1)(a), 4 u 8(1)** tal-istess **Kap. 414**, u fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**Artikoli 1, 2 1.(a), 10, 16 u 17 tal-istess Council Regulation (EC) No 1383/2003** fost ohrajn;

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414 u fl-Artikolu 1 tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* CRXU 9172755 kontenenti *inter alia* kwantita' ta' prodotti ta' krema depilatorja (*hair removal cream*) *oltre* ghal materjal ta' ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali "veet" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, liema artikoli kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq il-manifest relattiv bhala Sarl Razik Com Import / Export, ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Algerija, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-3 ta' Marzu 2008 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat MANIFEST fejn, fil-parti relattiva ghall-*consignee* hemm indikat Sarl Razik Com Import / Export, b'indirizz ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Algerija;

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox 37,440 prodotti bis-sinjali "veet", jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**Artikolu 9 1. (a) u (b) tal-Council Regulation (EC) No. 40/94** *on the Community trade mark*, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003**;

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sal-24 ta' Marzu 2008 sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati *entro* dan l-istess terminu;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' prodotti ta' krema depilatorja (*hair removal cream*) *oltre* ghal materjal ta' ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali "veet" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CRXU 9172755 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull

kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 4 sa fol. 49 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Luigi A. Sansone *nomine* datat 24 ta' Marzu 2008 a fol. 53 tal-process fejn l-esponent talab lill-Qorti tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata SARL Razik Com Import / Export ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Algeria in konnsessjoni mar-rikors guramentat, u ma' kull att iehor relattiv u sussegwenti bil-hrug ta' soliti bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verzjoni qasira taghha fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg gazzetti ta' kuljum bi spejjez ghall-esponent; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anna Felici nnominat lill-Avukat Dr. Richard Sladden u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi u dan b'digriet moghti fit-2 ta' Mejju 2008 kif jidher a fol. 61 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-

dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 5 ta' Settembru 2008 a fol. 76 tal-process fejn eccepew li:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-konvenuti;.

2. Illi ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjeta` attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni dwar il-konvenut;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li l-affarijiet kollha, indikati fir-rikors guramentat huma kontrafatti u / jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat illi l-affarijiet mertu ta' din il-kawza gew realment ordnati mill-konvenuti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 76 sa fol. 78 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Ottubru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Jonathan Abela Fiorentino ghall-attur prezenti. Deher ukoll Dr. Richard Sladden bhala kuratur. Id-difensur tas-socjeta' rikorrenti ddikjara li ma ghandhux iktar informazzjoni dwar l-intimati Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ attrici hija *inter alia* proprjetarji tal-marki “veet” u “VEET” ghall prodotti nkluzi dawk ta’ krema depilatorja *(hair removal cream)* u li l-istess markji huma registrati kif indikat fl-istess rikors gurament u kif hemm spejgat bhala Trademarks Komunitarji u wkoll bhala Trademarks hawn Malta (Dok. “B” sa Dok. “E”) u li fis-7 ta’ Frar 2008 (affidavit George Agius – Dok. “J”) kien inhatt f’Malta l-*container* CRXU 9172755 u fil-11 ta’ Frar 2008 il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx ta’ kwantita’ ta’ prodotti ta’ krema depilatorja (*hair removal cream*) *oltre* ghal materjal ta’ ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali “veet” bhal dawk tas-socjeta’ attrici prezentati b’mod prominenti, liema artikoli kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/importatrici ndikata fuq il-manifest relattiv bhala Sarl Razik Com Import / Export, ta’ Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Algerija, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali.

Illi fil-fatt jirrizulta li kien hemm 260 kaxxa b’144 stocc kull wahda ghall-total ta’ 37,440 stocc li kollha kellhom il-markji “VEET (IMMAC)”.
Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-3 ta’ Marzu 2008 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta’ intellettwali u dan kif jirrizulta mill-ezamijiet li saru (Dok. “H” u “I”), u ghalhekk l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma humx bl’ebda mod kontradetti.

Illi dwar l-ispejjez sabiex jigu distrutti l-istess oggetti dawn jinkludu dawk ukoll indikati fl-affidavit tal-imsemmija ufficjal tad-Dwana George Agius a fol. 38 u 39 tal-process u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha kif hawn deciz.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti fuq indikati konsistenti fi kwantita' ta' prodotti (260 kaxxa b'144 stocc kull wahda ghall-total ta' 37,440 stocc) ta' krema depilatorja (*hair removal cream*) *oltre* ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali "veet" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CRXU 9172755 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawn l-oggetti indikati fl-azzjoni attrici u f'din is-sentenza u dan fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenuta;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in vista ta' dak deciz fil-kuntest ta' dak ordnat fit-talba precedenti;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati skond it-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------